MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Numru. 860/2010

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Micallef)
vs
Shaun Azzopardi, iben George, imwieled Pieta' fit-2 ta' Mejju, 1991, Karta ta' l-Identita numru 221691(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-2 ta' Lulju, 2010 għal ħabta tat-tmienja u nofs neqsin ħamsa ta' fil-għaxija (2025), f'dawn il-Gżejjer, u cioe' fi Triq it-Torri, Sliema waqt li kien qed isuq vettura tal-għamla Honda Civic, bin-numru tar-reġistrazzjoni XON 591:
1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, involontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Daria Tatar, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Maria Grech M.D. ta' l-Isptar Mater Dei;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Honda Civic, bin-numru tar-reġistrazzjoni XON 591, b'manjiera traskurata;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Honda Civic, bin-numru tar-reġistrazzjoni XON 591, b'manjiera perikoluża;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura ta' l-għamla Honda Civic, bin-numru tar-reġistrazzjoni XON 591, b'veloċita' qawwija.

Il-Prosekuzzjoni tablet lill-Qorti sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra l-piena stabbilita, jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tinfliġġi l-piena marbuta ma dawn ir-reati, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż relattivi skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-klunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Awwissu, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijjiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' sitt mitt euro (€600). Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------